KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 24** **IS-SITT KUNSILL**

L-erbgha u ghoxrin seduta tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet **l-Erbgħa 17 ta` Novembru, 2010** fis-5.45 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Bobby Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Nikki Dimech ***(6.30),*** Julian Galea, Nicolai Gauci.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.

**SKUZAT**

Il-Kunsillier Patrick Pace

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 24**

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresediet il-laqgħa.

Is-Sindku talbet li tiġi sospiża l-laqgħa mill-proċedimenti tagħha fis-5.46 ta' filgħaxija biex resident fi Triq Gino Muscat Azzopardi jagħmel talba dwar *reserved parking.*

***Is-seduta tkompliet fis-5.55 ta' filgħaxija.***

Dwar it-talba tar-resident ta' Triq Gino Muscat Azzopard, il-Kunsill qabel li għandu jikteb lit-Transport Malta.

Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill unanimament qabel li jiġi diskuss issa *item* numru tmienja (8) tal-aġenda.

**24.8. Approvazzjoni tal-pagamenti**

**24.8.1** Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati. Ittieħed vot fuq kull pagament kif ġej.

| Numru ta' referenza | Deċiżjoni | Kummenti |
|---|---|---|
| 1 - 7 | Approvati | Qbil unanimu. |
| 8 u 9 | Approvati | Dwar dawn il-pagamenti pagabbli lil Velljo Services is-Sindku rrimarkat li l-Kunsill qiegħed jirċievi diversi ilmenti dwar is-servizz tal-ġbir tal-iskart. Is-Sindku irrimarkat li bħalissa l-Kunsill għaddej bl-*emergency agreement* u l-Kunsill se jsejjaħ offerta għal kuntratt ġdid għall-ġbir tal-iskart. Il-Kunsilliera preżenti qablu li la darba s-servizz ingħata, dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu. Il-Kunsillier M. Debono astjena. Il-Kunsilliera l-oħra preżenti ivvutaw favur. |
| 10 - 34 | Approvati | Qbil unanimu. |
| 35 - 38 | Mhux approvati | Il-Kunsilliera preżenti qablu li dawn il-pagamenti għandhom jiġu rreferuti lil Cleansing Services Department. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li dawn ma pprovdewx *invoices* fiskjali. |
| 39 - 65 | Approvati | Qbil unanimu. |

**24.8.2** ***Il-Kunsillier Nikki Dimech daħal għas-seduta fil-6.35 ta' filgħaxija***

**24.8.3** Dwar il-pagamenti tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali (Referenza 61 sa 65) il-Kunsillier M. Debono qal li minkejja li hemm *tender* mal-Koperattiva, il-Kunsilliera għandhom ikunu jafu minn qabel liema xogħol se jiġi ordnat.

***24.8.3.1*** Għalhekk is-Sindku pproponiet li l-Kunsilliera għandhom ikunu jafu minn qabel liema xogħol se jiġi ordnat mingħand il-Koperattiva. Il-Kunsillier M. Debono ssekonda. Il-Viċi

Sindku C. Engerer, il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri, Y. Cali, N. Dimech, N. Gauci u J. Galea vvutaw favur.

***24.8.3.2*** Is-Sindku qalet li għad fadal xi kontijiet x'jintbagħtu lill-Kunsill mill-Koperattiva Tabelli u Sinjali.

| Numru ta' referenza | Deċiżjoni | Kummenti |
|---|---|---|
| 66 | Approvat | Il-Viċi Sindku C. Engerer astjena. Il-kunsilliera preżenti l-oħra vvotaw favur. |

**24.8.4** ***Il-Kunsillier Nikki Dimech telaq mis-seduta fit-7.40 ta' filgħaxija.***

| Numru ta' referenza | Deċiżjoni | Kummenti |
|---|---|---|
| 67 - 89 | Approvati | Qbil unanimu. |
| 90 | Mhux approvat | Qbil unanimu. |
| 91 – 95 | Approvati | Qbil unanimu. |
| 96 u 97 | Mhux approvat | Il-kunsilliera rrimarkaw dwar il-kuntratt ta' North Harbour District Joint Committee fejn il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti dwaru. |
| 98 – 102 | Approvati | Qbil unanimu. |

**24.8.5** Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li jieqaf jiddiskuti l-pagamenti u jgħaddi għad-diskussjoni dwar l-attività tal-Milied.

**24.8.6** Is-Sindku ppoponiet ukoll li qabel mal-Kunsill jiddiskuti l-attività tal-Milied japprova l-pagamenti li jidhru fl-istess cedola pagabbli lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, id-Direttur tal-Informazzjoni, il-Cleansing Services Department, is-Sur Philip Chircop, Sky Telecom, Welcome Garage, Golden Gate, is-Sinjura Therese Attard Previ, is-Sur Carmelo Camilleri, il-Koperattiva Tabelli u Sinjali, AllCare Insurance Ltd u Daina Filling Station. Issekonda l-Vici Sindku. Il-Kunsillliera kollha preżenti qablu ma' dawn il-pagamenti b'mod unanimu.

**24.7** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**24.7.1** Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni għax-xelters li hemm f'Dingli Circus, Triq Dingli u Triq Creche. Qalet li kull devoluzzjoni tiswa madwar Ewro 233. Il-Viċi Sindku C. Engerer issekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, N. Gauci, J. Galea ivvutaw favur.

**24.7.2** Il-Kunsillier M. Debono ppropona li għandhom jinxtgħelu l-*fairy lights* (phase 1) għax il-Kunsill kien diġa ħallas għal dawn id-dawl. Issekondat il-Kunsilliera M. Aquilina. Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-proposta iżda qabel il-Kunsill għandu jitlob gwida mid-Dipartiment għal Gvern Lokali minħabba li dan kien wieħed mit-*tenders* li kien qed jiġi investigat.

**24.7.3** Is-Sindku qalet li wara li ntalbet gwida mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar jekk ghandux jinhareg tender ghat-tizjin ta' dwal tal-Milied fit-toroq jew jekk tistax tohrog sejha ghal kwotazzjonijiet ghal tizjin fit-toroq skont zoni specifikati mill-Kunsill, id-Dipartiment approva li tista' tinhareg sejħa għal kwotazzjonijiet li ġiet ippreżentata lill-Kunsill għall-provvediment u t-tiżjin ta' dawl għall-Milied fil-lokalità maqsuma f'ħames żoni.

***24.7.3.1*** Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill żewġ kwotazzjonijiet. ***"DOK A1" u "DOK A2" annessi mal-minuti***

***24.7.3.2*** Is-Sindku pproponiet li l-kwotazzjonijiet għat-tiżjin tat-toroq bid-dwal tal-Milied għandhom jingħataw lis-Soċjeta Filkarmonika Sliema u lis-Soċjeta Stella Maris. Il-Kunsillier E. Cuschieri issekonda. Il-Viċi-Sindku C. Engerer, il-Kunsilliera Y. Cali, N. Gauci u J. Galea ivvutaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u M. Debono astjenew. Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri u M. Debono ikkwalifikaw il-vot tagħhom minħabba li dan is-servizz ġie mqassam f'żoni minflok ma saret sejħa għall-offerti filwaqt li qablu li għandu jsir tiżjin għall-Milied.

***24.7.3.3*** Is-Sindku qalet ukoll li l-Kunsill se japplika għal *meters* tad-dawl mill-Enemalta u li l-ispiża ta' kull meter kienet se tkun ta' Eur130. Il-Kunsill qabel unanimament.

***24.7.3.4*** Saret diskussjoni dwar it-tizjin tat-toroq għal zmien il-Milied.

***24.7.3.5*** Is-Sindku staqsiet lill-kunsilliera jaqblux li l-Kunsill joħroġ d-differenza f'każ li l-ħwienet ma jippartecipawx fil-kontribuzzjoni għat-tiżjin tat-toroq.

***24.7.3.6*** Il-Kunsillier M. Debono ippropona li jekk ma jinġabrux fondi biżżejjed mingħand l-istabillimenti kummercjali, il-Kunsill m'ghandux jerga jidhol ghal spiza simili s-sena ta' wara.

Il-Kunsilliera prezenti qablu unanimament ma' dinil-proposta. Il-Kunsilliera preżenti qablu wkoll li għal din is-sena l-Kunsill jidhol ghal din l-ispiza.

**24.7.4** Is-Sindku ipproponiet li ghandha tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet ghall-ponsjeti ghall-istrutturi tal-hadid li għandhom ikunu artifiċjali. Il-Kunsillier Y. Cali issekonda. Il-Kunsilliera preżenti vvutaw favur.

**24.7.5** Il-Kunsillier M. Debono ppropona li l-Kunsill jidhol ghal finanzjament ta' tahrig dwar l-uzu tal-*email* u l-internet ghall-anzjani b'kollaborazzjoni mal-kumpanija TCTC. Il-Kunsilliera S. Camilleri ssekondat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**24.7.6** Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li se tivverifika dwar il-possibiliita li jkunu hemm *huts* għal-villagg tal-Milied.

**24.7.7** Is-Sindku pproponiet li ghandha ssir promozzjoni fuq skala nazzjonali kif ukoll issir stqarrija għall-istampa dwar l-attivitajiet tal-Milied. Il-Viċi Sindku ssekonda u kien hemm qbil unanimu.

**24.7.8** Is-Sindku pprezentat d-dokument sabiex tinhareg is-sejha ghall-offerti ghal servizz ta' emergenza ghal erba' xhur.

***24.7.8.1*** Wara diskussjoni, is-Sindku pproponiet li s-servizz ghal gbir tal-iskart mhallat mir-residenzi jkun kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa, il-Ħamis u s-Sibt bejn id-9.00am u n-12.30pm. Il-Viċi Sindku ssekonda u kien hemm qbil unanimu dwar dan.

***24.7.8.2*** Il-Kunsill kien infurmat mis-Sindku li l-iskart separat kien se jibda jinġabar it-Tlieta u l-Ġimgħa taht l-iskema li l-Kunsill dahal fi ftehim dwarha mal-kumpanija GreenMT.

***24.7.8.3*** Is-Sindku infurmat lil Kunsill illi wara laqgha li nzammet mas-CEO tal-GrennMT kien propost li l-boroż il-griżi jitqassmu lir-residenti mill-uffiċċjali tal-Green MT minn erba' postijiet differenti fil-lokalita.

**24.7.9** Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament li l-Kunsill għandu jixtri boroż għall-ġbir tal-ħmieġ tal-klieb bħala nċentiv ghal iktar indafa u li tali boroz ghandhom jitqassmu f'ammonti ta' għaxra kull darba.

**24.7.10** Il-Viċi Sindku ressaq proposta ghat-twaqqief ta' ~~###~~ sotto kumitati li l-Membri taghhom huma elenkati f"***DOK B***" aness ma' dawn il-minuti. Is-Sindku ssekondat.

| | |
|---|---|
| ***24.7.10.1*** | Wara diskussjoni fit-tul, il-proposta kienet approvata, bil-vot favur ikunu tas-Sindku, l-Viċi Sindku, Y. Cali, E. Cuschieri u J. Galea, filwaqt li dawk kontra kienu tal-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, M. Debono u N. Gauci. |
| **24.7.11** | l-Kunsill unanimament qabel li bhalma jigri kull sena ma jinhargux permessi relatati ma' kull tip ta' makkinarju fit-triq matul il-perjodu tal-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena bejn it-23 ta' Dicembru u t-2 ta' Jannar. |
| **24.7.12** | F'dan l-istadju tal-laqgha l-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, M. Debono u N. Gauci ħarġu mis-seduta fid-8.50 ta' filghaxija. |
| **24.7.13** | Is-Sindku ddikjarat li ma kienx hemm kworum biex titkompla s-seduta u aggornat is-seduta ghal **nhar il-Gimgha 19 ta' Novembru, 2010, fil-5.30 ta' filghaxija.** |

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Cumi**
**Segretarju Ezekuttiv**

Minuti approvati llum ....24.... Marzu ta' ...................... 2011.
(jum) (data) (xahar)